**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-vs-**
**Mohamed Edghem detentur tal-karta ta' l-identità numru 0165806L**

*Kumpilazzjoni Nru. 29/2023*

Illum: 9 ta' April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mohamed Edghem** u ċioè talli:

> Nhar it- 13 ta' Jannar 2023 u fil-ġranet, u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi ħinijiet u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
>
> 1. Ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioe' **Dalia Shikh Al Souk**, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu *Jawad Edghem, Rawan Edghem u Sajid Edghem*, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha;
>
> 2. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel tagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abbiltajiet jew iżola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew

impjieg għad-detriment tal-mara tiegħu u cioe' **Dalia Shikh Al Souk** li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu *Jawad Edghem, Rawan Edghem u Sajid Edghem* u dana waqt li kien qed jgħix magħha;

U iktar talli fil- 11 ta' Jannar 2023 ġewwa 158, Triq Azzopardi, Marsa:

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li qiegħed il-ħajja ta' **Dalia Shikh Al Souk** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna hsarat fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-mara tiegħu l-istess **Dalia Shikh Al Souk** li tiġi omm it-tfal tiegħu *Jawad Edghem, Rawan Edghem u Sajid Edghem*, hekk kif iċċertifikaha Dr. Ryan Borg (Med Reg. 4551) mic-Ċentru tas-Saħħa tal- Furjana, u liema offiża seħħet fil-preżenza tal- minuri u cioe' *Jawad Edghem, Rawan Edghem u Sajid Edghem;*

U iktar talli fit- 13 ta' Jannar 2023 u fil- ġranet u fix-xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet differenti ġewwa 158, Triq Azzopardi, Marsa, u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal- liġi u li kienu magħmula f'riżoluzzjoni waħda:

4. Ħebb għal mara tiegħu **Dalia Shikh Al Souk** sabiex jinġurjaha, jdejjaqha jew jagħmlilha ħsara b'xi mod;

5. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil mara tiegħu **Dalia Shikh Al Souk;**

6. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

U iktar talli fit- 13 ta' Jannar 2023 bejn l- 10:00am u l- 11:00am ġewwa 158, Triq Azzopardi, Marsa:

7. Kellu fil- pussess tiegħu żewġ dokumenti ta' l- identità u cioe' Karta ta' l-Identità bin-numru **0185734A** u Passaport, propjetà' ta' martu **Dalia Shikh Al Souk** meta huwa m'huwiex id-detentur ta' l-imsemmija dokumenti, jew l- aġent tad-detentur fil-qadi ta' xi ħtieġa ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra f'isem martu **Dalia Shikh Al Souk**, u kif ukoll naqas li jikkonsenja l-imsemmija żewġ dokumenti lid-detentriċi tagħhom, u cioe' lil martu **Dalia Shikh Al Souk** jew lill- uffiċjal awtorizzat.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Mohamed Edghem** a benefiċċju ta' **Dalia Shikh Al Souk** u l-

familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuna ta' **Dalia Shikh Al Souk** u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Mohamed Edghem** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi **Mohamed Edghem** sabiex iħallas l-spejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta' Jannar, 2024, permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 18, 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 251(1), 251(2), 251B(1), 251B(2), 251H(a), 251H(b), 251HA, 202(f), 202(h)(i), 202(h)(iv), 202(h)(v), 202(j), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 22(1), 22(2) u 24 tal-Kapitolu 258 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 15A, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet lill-Ispettur Audrey Micallef tirtira is-seba' imputazzjoni tenut kont li d-dokumenti tal-identità msemmija kienu fi-kustodja tal-pulizija;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Illi matul is-seduta tal-25 ta' Settembru, 2023 xehdet l-allegata vittma Dalia Shikh Al Souk li bil-ġurament tagħha quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta xehdet li riedet twaqqaf il-proċeduri fil-konfront tal-imputat tenut

[1] Fol.136
[2] Fol.138

kont li reġgħu qed jgħixu taħt saqaf wieħed fejn magħhom qed irabbu tlett ulied. Għalhekk irrifjutat milli tagħti x-xiehda tagħha.

Illi r-reati kontemplati bl-imputazzjonijiet numru wieħed, tlieta, erba', ħamsa w sitta huma prosegwibbli bil-kwerela tal-allegata vittma.

Ġaladarba il-kwerela tal-allegata vittma ġiet irtirata minnha, l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat ma baqgħetx aktar prosegwibbli fir-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet appena msemmija. L-artikolu 545 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **545.** (1) Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.

Illi fin-nuqqas tax-xiehda tal-kwerelanta, t-tieni imputazzjoni ma ġietx soddisfaċentement ippruvata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' imputazzjoni, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**